**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 26 ta` April 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 259/17 JZM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Angel Attard [K.I. numru 632281(M)]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-23 ta` Marzu 2017 li jaqra hekk :-

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat 29 ta` Novembru 2007 (Dok "A") fejn is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Angel Attard.*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Angel Attard fis-somma ta` mija u disat elef seba` mitt ewro u disgha u tmenin centezmu (€109,700.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta` Angel Attard mal-*

*Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B5") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta` Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Angel Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Angel Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*4. Illi l-attur noe jhaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5 Illi l-konvenut Angel Attard gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 31 ta` Mejju 2016 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok "C" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi izda dan baqa` inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob lid in il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Angel Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Angel Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Angel Attard ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u disat elef seba` mitt ewro u disgha u tmenin centezmu (€109,700.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta` Angel Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B5") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta` Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 31 ta` Mejju 2016 (Dok "C") kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*Di piu`, in vista tal-Ordni tal-Iffrizar mahruga kontra Angel Attard, il-mittenti tinfurmak li l-pagamenti minnek mitluba jistghu jigu accettati mill-Bank biss wara li inti tottjeni d-debita awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-<u>28 ta` Gunju 2017</u> li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti jirrileva illi l-azzjoni odjerna giet istitwita intempestivament, stante li r-rikorrenti hija konsapevoli ta` l-Ordni ta` Iffrizar li jipprekludi lill-eccipjenti li jivversa l-pagamenti pensile tas-self koncess lilu.*

*2. Illi di piu`, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ha l-azzjoni idoneja quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jonora l-obbligu tieghu ta` pagamenti favur ir-rikorrenbti, u dank if ikkonfermat mid-dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AA1. Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma hadet l-ebda passi fil-Qorti Kriminali f`dan ir-rigward.*

*3. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jirrileva li ai termini ta` l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, hija l-kompetenza tal-Qorti Kriminali li takkorda l-fakulta` lil akkuzat li jhallas djun lil kredituri bona fede tieghu, precedentement ghall-hrug ta` l-Ordni ta` Iffrizar.*

*4. Illi l-eccipjenti jirrileva li kwalsiasi spejjez ta` din il-procedura ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2018, il-konvenut ipprezenta nota (fol 171) li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u disat elef seba` mitt Ewro u disgha u tmenin centezmu (€109,700.89) bilanc dovut minnu skont "Loan Account" li ghandu mas-socjeta` attrici (Dok "B1 sa B5") flimkien mal-imghax ulterjuri b`effett mid-9 ta` Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 31 ta` Mejju 2016 (Dok "C").**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**